**Imħallfin: -**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph Said Pullicino B.A., LL.D.**

Arnaldo Urso

*versus*

Paul Sammut *et*

**Kostituzzjoni – Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Smigh Xieraq – Appell – Deserzjoni**

*Ordni ta' referenza mill-Qorti ta' l-Appell dwar lament ta' l-appellant li l-art. 906(2) tal-Kap. 12 li kien jikkammina d-deserzjoni ta' l-appell kien jivvjola d-dritt ta' l-appellant għal smigħ xieraq. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet li tali lament ma kienx fondat. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.*

*Il-Qorti osservat li d-dritt għal smigħ xieraq irid jiġi implementat għeluq żmien raġonevoli. Kien preċiżament biex jiġi assigurat tali dritt li l-art. 906(2) kien ġie introdott. Id-dritt għal smigħ xieraq ma hux wieħed assolut imma huwa limitat minn parametri raġonevoli ta' żmien u ċirkostanzi.*

1. Il-kawża ta' Arnaldo Urso kontra Paul Sammut ġiet deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fis-16 ta' Ottubru, 1987;

2. Arnaldo Urso interpona appella u l-Qorti appuntat it-trattazzjoni għad-9 ta' Novembru, 1988, però l-istess appellant ma ħax ħsieb li jkun jaf b'dan l-appuntament, jew li jiġi nnotifikat bl-avviż uffiċjali ta' l-istess. L-avukat tiegħu ġie avżat b'dan l-aħħar nuqqas fit-23 ta' Awissu, 1988;

3. Fis-seduta tal-Qorti ta' l-Appell tad-9 ta' Novembru, 1988, la deher l-appellant Urso u lanqas l-avukat tiegħu, però billi lanqas ma dehru l-appellant jew l-avukat tiegħu, il-Qorti ddifferiet il-kawża għat-13 ta' Frar, 1989;

4. Dawn il-fatti pprovokaw mill-appellant talba għal

dikjarazzjoni li l-atti ta' l-appell għandhom jitqiesu bħala rinunzjati jew abbandunati, minn min għamilhom skond dak li hemm ikkontemplat fl-art. 406(2) u 152 Kap. 12;

5. L-appellant Urso mbagħad issolleva kwistjoni kostituzzjonali fis-sens illi l-imsemmija artikoli jmorru kontra dak li jridu l-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-art. 6(1) ta' l-ewwel Skeda ta' l-Att XIV ta' l-1987 – aktar 'il quddiem, imsejħa l-Konvenzjoni. Għal din ir-raġuni, il-Qorti ta' l-Appell irriferiet il-kwistjoni lill-Qorti Ċivili Prim'Awla;

6. L-imsemmija Qorti Ċivili, Prim'Awla ddeċidiet il-kwistjoni b'sentenza ta' l-10 ta' Marzu, 1993, u din tista' tiġi riprodotta hekk:

"8. Dak li trid tiddeċidi l-Qorti huma żewġ punti: jekk, fil-fatt, l-artikolu 906(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jammontax għall-vjolazzjoni tal-prinċipju tal-*"fair hearing"* sanċit bl-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u bl-artikolu 6(1) ta' l-Ewwel Skeda ta' l-Att XIV ta' l-1987 u wkoll, jekk fil-każ partikolari ta' l-appellant Urso, anzi **fil-fattispeċje preċiżi ta' dan il-każ**, ġiex ivvjolat l-istess prinċipju tal-*"fair hearing"* li jinsab protett kif ingħad;

9. Id-disposizzjoni tal-liġi in kwistjoni tgħid hekk:

"906(2) L-attur, l-appellant, jew il-persuna li tagħmel libell għandha titqies li rtirat l-atti ppreżentati minnha mingħajr kundizzjoni jekk, wara li ġurnata tkun ġiet stabbilita għas-smigħ kif ingħad fl-artikolu 152, l-avviż imsemmi fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 152 ma jkunx ġie nnotifikat lilu u dan in-nuqqas ta' notifika jkun baqa' għal iktar minn tliet xhur mid-data l-

ewwel stabbilita għas-smigħ'';

10. Imbagħad, l-artikolu 907(1) jgħid dan:

''Ir-rinunzja ġġib l-istess effetti tad-deżerzjoni'';

11. Dawn l-artikoli tal-liġi japplikaw għall-appell intavolat mill-appellant Urso in kwantu li fl-artikolu 906(2) hemm imsemmi l-**appellant;**

12. Għandu jingħad illi l-artikoli pprečitati tal-Kostituzzjoni u ta' l-Ewwel Skeda ta' l-Att XIV ta' l-1987 mhux biss jeżiġu illi l-każ ikollu *''a fair hearing''* iżda jridu wkoll li dan il-*''fair hearing''* **isir fi żmien raġonevoli.** Fil-fehma tal-Qorti, l-artikolu 906(2) tal-Kap. 12 għandu l-iskop li jassigura li l-appellant ikollu d-dritt għas-smigħ ta' l-appell tiegħu fi żmien raġonevoli, tant li jekk **in-nuqqas ta' notifika ta' l-avviż tas-smigħ** jibqa' jippersisti għal iktar minn tliet xhur mid-data stabbilita għas-smigħ l-appell tiegħu jiġi kkunsidrat irrinunzjat u, kwindi, deżert. Din hi disposizzjoni salutari għaliex hija f'armonija kompleta ma' l-obbligu tal-ġudikant li jisma' t-trattazzjoni tal-kawża u jiddeċidiha. Fil-każ ta' appell, bħal ma hu l-każ preżenti, dan l-obbligu ta' smigħ, trattazzjoni u mbagħad deċiżjoni huwa aktar impellanti u doveruż għaliex mhux biss l-**appellant** iżda anke l-**appellat** għandu dritt għall-*''fair hearing''* fi żmien raġonevoli. Fi kliem ieħor, il-partijiet f'kawża għandu jkollhom *''equality of arms''* u jekk waħda mill-partijiet għandha d-dritt li tappella mis-sentenza ta' l-ewwel Qorti, il-parti rebbieħa għandha wkoll id-dritt li tieħu deċiżjoni mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell b'konferma o meno tas-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-ewwel istanza u, fil-fehma tal-Qorti, id-disposizzjoni preċitata għandha proprju dan l-iskop li

tirrikonċilja d-drittijiet tal-parti l-waħda mad-drittijiet tal-parti l-oħra. Kieku ma kinitx teżisti disposizzjoni tal-liġi bħal dik in diżamina kieku jkun qiegħed jingħata aditu għal iktar appelli frivoli u vessatorji li l-uniku skop tagħhom ikun dak li jirrendu l-ġudikati ineffettivi u ineffikaċi bil-konsegwenti sfiduċja taċ-ċittadini fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja fil-Pajjiż. Infatti, qabel il-promulgazzjoni ta' din il-liġi, is-smigħ ta' l-appell ħafna drabi kien ikun iffrustrat billi l-appellat jagħti indirizz ħażin ta' fejn kien joqgħod u l-appellat kien ikollu jitħabat huwa biex jinnotifika lill-appellant bl-avviż ta' smigħ u sadanittant ikun għadda aktar żmien bi ħsara għall-istess appellat. Invece, bil-liġi kif inhi fil-preżent, huwa fl-interess ta' l-appellant li jassigura li jiġi nnotifikat bl-avviż tas-smigħ fit-terminu impost bl-istess liġi sabiex b'hekk l-appell tiegħu jkun jista' jinstema' fi żmien raġonevoli u, konsegwentement, kemm huwa kif ukoll l-appellant ikollhom smigħ xieraq kif garantit bil-Kostituzzjoni u bl-artikolu ta' l-Ewwel Skeda ta' l-Att XIV ta' l-1987 preċitat;

Għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, l-artikolu 906(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma jilledix id-drittijiet fundamentali ta' l-appellant Arnaldo Urso għaliex ma jivvjolax l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6(1) ta' l-Ewwel Skeda ta' l-Att XIV ta' l-1987 iżda huwa intiż biex proprju jissalvagwarda u jittutela d-dritt ta' kull min jinsab fil-qagħda ta' l-appellant Urso u ċjoè li jkollu **smigħ xieraq fi żmien raġonevoli;**

13. Dak li jmiss li jiġi investit huwa t-tieni kweżit u ċjoè jekk, fil-fattispeċje preċiżi ta' dan il-każ, bl-applikazzjoni tal-fuq imsemmija disposizzjoni tal-liġi, jiġux leżi jew le d-drittijiet fundamentali ta' l-appellant Urso billi tmur kontra l-imsemmijin artikoli tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Ewwel Skeda ta' l-Att XIV ta' l-1987;

14. Għalhekk, huwa ċar li, qabel xejn, wieħed irid jistabbilixxi bi preċiżjoni x'kienu dawn il-fattispeċi tal-każ li jirrendu l-applikazzjoni ta' l-artikolu 906 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta insostenibbli in kwantu tkun tfisser vjolazzjoni tad-dritt ta' Arnaldo Urso għal "*fair hearing*" kif protett bl-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-artikolu 6(1) ta' l-Ewwel Skeda ta' l-Att XIV ta' l-1987;

15. Anke mid-deposizzjoni stess ta' Arnaldo Urso ma jirriżultax l-aggravju tiegħu. Infatti, meta xehed l-ewwel darba, quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, huwa qal li l-Prokuratur Legali Edgar Montanaro kien qallu meta kien appunta l-appell. Ġara li meta kien ġie l-Qorti, f'dik id-data li kien ġie mogħti, kien issejjaħ l-appell tiegħu u wara l-purtier li jgħajjat il-kawżi nfurmah li l-kawża kienet ġiet iddifferita billi l-Avukat ta' l-appellat kien imsiefer. L-avukat tiegħu, ċjoè l-Professur Refalo, wasal wara li l-kawża ġiet iddefferita u meta tkellmu dan ikkonfermalu dak li kien ġâ jaf mingħand il-purtier. Huwa jiftakar li kemm il-purtier kif ukoll l-avukat tiegħu **kienu tawh id-data tad-differiment.** (ara xiehda a fol. 96 tal-proċess tal-kawża):

Meta reġa' xehed quddiem l-istess Onorabbli Qorti (ara fol. 113) Arnaldo Urso kkonferma li kien infurmat biex jiġi għall-ewwel appuntament ta' l-appell tiegħu mill-Prokuratur Legali Montanaro u, fil-fatt, jgħid li ġie l-Qorti u barra l-Awla kien kellem lill-appellat Sammut. Iżda, imbagħad, jgħid li kellu jibdel lill-Avukat għaliex kien ġie nnominat Maġistrat u qabbad lill-Prof. Refalo. Dak li huwa sinifikanti, però, huwa l-fatt li hu (Urso) jgħid li ma tax id-data tas-smigħ ta' l-appell lill-Prof. Refalo "għax ippretendejt li dak isir bejn avukat u ieħor";

L-appellant Sammut xehed ukoll quddiem l-istess Onorabbli Qorti (fol. 115) u kkonferma li dikinhar tas-smigħ ta' l-appell Urso kien barra l-Awla bħalu iżda baqa' ma daħalx u qal ukoll li jaf li l-Avukat ta' Urso kien talab differiment għaliex kien ser ikun imsiefer;

16. Jirriżulta li fl-1 ta' Diċembru, 1987 Urso kien innotifikat regolarment bir-risposta ta' l-appellat għall-Petizzjoni ta' l-Appell tiegħu; iżda meta sar tentattiv ta' notifika ta' l-Avviż tas-Smigħ dan ma ġiex innotifikat lilu għax l-Avviż baqa' *'unclaimed'*. Jirriżulta wkoll, mix-xiehda tiegħu stess u ta' Sammut li dikinhar li kellu jinstema' l-appell tiegħu huwa baqa' ma daħalx fl-Awla. Jirriżulta, in oltre, li, skond ma xehed Urso stess, huwa kien jaf bid-data tad-differiment. Dan ifisser li huwa kien jaf li l-appell tiegħu kien ser jerġa' jkun għas-smigħ għas-seduta tat-13 ta' Frar, 1989. Dak li kien jeħtieġlu jagħmel, għalhekk, biex jassigura li l-appell tiegħu jinstema' u ma jmurx deżert kien li wara d-data stabbilita l-ewwel darba għas-smigħ – li kienet id-9 ta' Novembru, 1988 – u qabel ma jiddekorri t-terminu ta' tliet (3) xhur huwa jagħti ruħu b'nofitikat bl-Avviż għas-Smigħ billi jippreżenta Nota f'dan is-sens fir-Reġistru tal-Qorti permezz ta' l-Avukat tiegħu;

17. Din in-nota ma jirriżultax li saret u, għalhekk, fis-seduta tat-13 ta' Frar, 1989, quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, a tenur ta' l-artikolu 906(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta **għandu** jitqies li rrinunzja għall-atti ta' l-appell mingħajr kundizzjoni b'mod li tali rinunzja ġabet id-deżerzjoni ta' l-appell tiegħu;

18. Illi, għalhekk, din il-Qorti ssib illi, kuntrarjament għal dak li jallega Arnaldo Urso, l-applikazzjoni ta' l-artikolu preċitat

fil-każ tiegħu, ma jilledix id-dritt tiegħu għal *'fair hearing'* kif protett bl-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-artkolu 6(1) ta' l-Ewwel Skeda ta' l-Att XIV ta' l-1987 għaliex bin-nuqqas ta' notifika fit-terminu preskritt huwa ġie li rrinunzja għas-smigħ ta' l-appell tiegħu, kif jippreskrivi l-istess artikolu 906(2) fuq imsemmi; liema disposizzjoni tal-liġi, kif ġà ntqal, hija intiża biex proprju tissalvagwarda d-dritt għal *'fair hearing'* fi żmien raġonevoli skond kif jiddisponu l-istess artikoli ppreċitati;

19. Konsegwentement, id-deċiżjoni ta' din il-Qorti fir-rigward taż-żewġ kweżiti posti permezz tar-rikors ta' Arnaldo Urso tal-5 ta' Frar, 1992 hija kuntrarja għall-pretensjonijiet ta' l-istess rikorrenti;

L-ispejjeż ta' dan l-inċident jibqgħu a karigu tar-rikorrenti Urso'';

7. Arnaldo Urso appella lil din il-Qorti għaliex:

(a) ''... l-operazzjoni ta' l-atikolu in kwistjoni (l-art. 906 Kap. 12) hija tali li tinnega smigħ xieraq lill-appellant indipendenti kompletament mill-volontà tiegħu u dipendenti biss mill-fattur inċidentali ta' jekk hu jiġix amministrattivament innotifika mill-Qorti fi żmien utli jew le...'';

Din il-Qorti ma tarax kif dan il-lament jista' jingħad. L-avviż għat-trattazzjoni ta' l-appell intbagħat, b'ittra rreġistrata fl-indirizz indikat minn Urso. Meta din l-ittra ma setgħetx tiġi kkonsenjata – fit-23 ta' Awissu, 1988, – fl-istess indirizz jitħalla avviż ieħor biex l-ittra uffiċjali tinġabar mill-uffiċċju tal-Posta. Ma nġabritx. Kif jista' jingħad li dan in-nuqqas huwa indipendenti mill-volontà ta' l-appellant?

L-istess jingħad għall-inċident li ġara fil-Qorti fid-9 ta' Novembru, 1988;

Din kienet il-ġurnata ta' l-appuntament ta' l-appell u billi Urso kien ġie infurmat mill-Prosekutur Legali tiegħu, Edgar Montanaro, biex jattendi, avolja ma kienx irċieva u lanqas mar biex jirċievi l-avviż. Attenda l-Qorti, kellem lill-konvenut, però ma daħalx fl-awla meta ġie msejjaħ u meta sussegwentement mar għand l-avukat tiegħu ma qallux x'kien ġara u lanqas ma tah id-data li għaliħ kien ġie ddifferit l-appell. Il-Qorti ma tifhimx li dan kollu sar "indipendentement mill-volontà" ta' l-appellant, u dan l-aggravju, ibbażat fuq dan il-fattur importantissimu ta' fatt, ma jistax jiġi milqugħ;

(b) L-appellant jillamenta wkoll illi l-ewwel Qorti:

"ma apprezzatx sewwa l-assolutezza tan-negazzjoni tas-smigħ...Id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni Ewropeja huwa inkondizzjonat u t-Tribunali Ġudizzjarji involuti huma obbligati li jaraw u jassikuraw li kull parti tingħata lilha s-smigħ xieraq dovut...";

Jekk dan il-kliem ifisser li d-dritt ta' smigħ xieraq huwa **assolut** fis-sens li s-smigħ irid isir bil-fors, dejjem, u mingħajr ebda limiti raġonevoli ta' żmien u ta' ċirkostanza, mingħajr infatti **ebda regolamentazzjoni raġonevoli** għall-implimentazzjoni ta' dak id-dritt – allura din il-Qorti ma tistax b'ebda mod tikkondividi pretensjoni ta' din il-kwalità għaliex hawn *si tratta* ta' **dritt fundamentali** u mhux ta' rikonoxximent ta' **kapriċċ illimitat**. Għaliex għal dan jiġi ridott id-dritt ta' trattazzjoni xierqa, bl-argument imsemmi mentri però biex tkun xierqa trid tkun ġusta u raġonevoli. Trid tkun ġust u raġonevoli

anki kieku l-artikolu kostituzzjonali ma kkwalifikawx it-trattazzjoni bl-aġġettiv "xieraq". Anzi, l-assolutezza pretiża – kif sewwa osservat l-ewwel qorti – hija espressament eskluża għal dak li huwa l-fattur taż-żmien għaliex id-dritt għal trattazzjoni jrid jiġi implimentat "għeluq żmien raġonevoli" skond il-Kostituzzjoni u "*within a reasonable time*" skond il-Konvenzjoni. U l-artikolu impunjat tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili huwa wieħed mill-mezzi adoperati mil-liġi biex dan l-element jiġi rrispettat għaliex id-dritt għas-smigħ xieraq ta' dan l-appell – huwa dritt kompost, u mhux sempliċi, inkwawntu huwa d-dritt ugwali għaż-żewġ partijiet in kawża. Il-kriterji ta' **raġonevolezza** u **ugwaljanza** għalhekk huma neċessarji f'kull norma proċedurali li tirregola l-eżerċizzju tad-dritt ta' trattazzjoni ta' kawżi:

"dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili" ta' l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni, u:

"*In the determination of his civil rights and obligations*" ta' l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni;

Il-lament ta' l-appellant jidher tant pależament insostenibbli illi din il-Qorti ma rnexxilha ssib l-ebda sentenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Umani (preferibbilment "Fundamentali") li tersaq – u mhux tittratta – lejn problematika simili;

(ċ) Fl-aħħar lament tiegħu, l-appellant jirritorna għall-aspett soġġettiv tal-kwistjoni, u jgħid li l-ewwel Qorti m'apprezzatx tajjeb il-fatti billi rriteniet:

"...li f'dak li ġara l-appellant kellu ħtija billi m'għamilx

nota b'liema ta ruħu b'notifikat tempestivament bl-avviż tas-smigħ ta' l-appell";

Verament in-nuqqas fatali ta' l-appellant avverra ruħu meta, avvżat mill-Prokurtur Legali, biex ikun preżenti għall-appuntament ta' l-Appell, huwa wasal sal-bieb ta' awla imma ma daħalx u b'hekk il-Qorti ta' l-Appell għaddietu bħala assenti;

Fuq dan l-aggravju, din il-Qorti għandha tosserva illi l-injoranza tal-liġi tal-proċedura hija komprensibbli, u fil-każijiet kongruwi, skużabbli, imma n-nuqqas ta' prudenza jew inkella n-nuqqas ta' diliġenza jew inkella n-negliġenza, huma dejjem fatturi determinanti u, fil-kamp ċivili, qatt ma huma skużabbli. L-aġir ta' l-appellant kien nieqes mill-prudenza u mid-diliġenza għaliex dawn, fl-injoranza tal-liġijiet, isiru aktar neċessarji u impellenti;

8. Qabel ma tikkonkludi din is-sentenza, din il-Qorti tħossha fid-dover li tissenjala illi dan il-proċediment kostituzzjonali kollu, sar **qabel** ma ġiet konkluża l-kawża quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, fejn ġiet issollevata l-kwistjoni kostituzzjonali;

Dan huwa possibbli fis-sistema tagħna għaliex l-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni jikkonċedi d-dritt ta' azzjoni ġudizzjarja lil kull persuna li tallega li, fil-konfront tagħha **"x'aktarx se tiġi miksura"** xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-artikoli minn 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni;

Fil-każ preżenti għalhekk ir-riferenza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell setgħet issir inkwantu Arnaldo Urso pprospetta li billi **x'aktarx** dik il-Qorti kienet se tapplika d-disposizzjonijiet

ta' l-art. 906 Kap. 12 huwa kien b'daqshekk se jsofri vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu. Fl-istess artikolu, aktar 'l isfel, hemm ipprovvdut illi l-Qorti tista' tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju kienu disponibbli favur il-persuna li tkun qed tillamenta. Dan kollu ma ġiex issollevat la mill-partijiet u lanqas mill-ewwel Qorti u mhux qed jiġi ssollevat lanqas minn din il-Qorti. Iżda jrid jissemma u jrid jiġi nnutat biex tkun limpida u ċara s-sitwazzjoni ġuridika li tirriżulta minn dawn il-proċeduri, billi għandu jiġi enfasizzat illi dak li huwa deċiż f'din is-sentenza **huwa li l-artikolu 906 Kap. 12, kif inhu, huwa kompatibbli ma' dak li hemm ikkontemplat fl-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u 6(1) tal-Konvenzjoni.** Din il-kompatibbilità hija **attwali, fi prospettiva potenzjali inkwantu fuq il-fatti kif ġraw, il-Qorti ta' l-Appell tista' tapplika, fil-konfront ta' Arnaldo Urso,** l-istess artikolu 906. Dan huwa preċiżament dak li din il-Qorti għandha l-kompetenza li tgħid, f'dan il-każ, u mhux qed tippronunzja ruħha b'ebda mod, **jekk**, effettivament, dak l-artikolu għandux jiġi applikat jew inkella le – skond iċ-ċirkostanzi **kollha** tal-każ, billi tali pronunzjament huwa ta' kompetenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell li preċiżament għandha tiddeċidi jekk fil-każ ta' Arnaldo Urso kontra Paul Sammut avverratx ruħha dik id-deżerzjoni ta' l-appell skond l-artikolu 906 Kap. 12;

9. Għal dawn ir-raġunijiet l-appell ta' Arnaldo Urso huwa miċħud u s-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla ta' l-10 ta' Marzu, 1993, hija kkonfermata;

Spejjeż taż-żewġ istanzi għall-istess Arnaldo Urso.